**Lill-għażiż ħija Marco**

Qatt ma seħħli nkun nafek
Għażiż ħija hekk ċkejken,
Naf bik l-għaliex qaluli
Tagħrifti fuqek 'msejken.

Biss b'li tagħrfuli nista'
Lilek inħobb, napprezza,
Għax għalkemm sieket għenti
Naffaċċja kull tempesta.

Naf li titlob għalija
Għalik jiena tassew ħuk,
Mhux ta' b'xejn li madwarek
Għandek l-anġli li jservuk.

Għax fis-skiet ħiemed taħdem
Tirsisti daqs ma nafx xiex,
Mehdi tfaħħar lil Alla
Tgħin fil-bnazzi u fl-irxiex.

Kemm-il darba kelli mmut
U kont niġi noqgħod ħdejk,
Imma int għedt lill-Mulej
"Ħallih ħaj, Mario f'idejk".

Issa naf għax titolbu
Lil Ġesù li tkellmu spiss,
Għax int tridni nissokta
Ħidmietek hawn għalih biss.

Niżik ħajr ħija twajjeb
X'kull parir int tagħtini,
Naf li int miegħi tiġri
Qatt qatt mhu se tħallini.

Illum nifhem għax f'qalbi
Dejjem dal-vojt jien inħoss,
Dak postok Marco ħija
Fih int imwennes bla ħoss.

F'dal jum tal-qaddis Marku
Insellimlek minn qalbi,
Inħobbok għażiż Marco
Ħija tibqa' f'dan it-talbi.

Tinsiex meta niltaqgħu
Fis-sema oqgħod ħdejja,
Tinsiex li int għalija
Għażiż daqs dawl għajnejja.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 t'April Festa ta' San Mark Evanġelista

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.